MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2008

Numru. 696/2007

Il-Pulizija
(Sp Maurice Curmi)
vs
Catherine Caruana, bint Joseph Bugeja, imwieleda Pieta' fil-5 ta' settembru, 1965

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata –
1. talli fis-6 ta' ġunju, 2007 u fil-ġranet ta' qabel f'dawn il-Gżejjer, ikkomettiet serq ta' 'cashlink card' tal-Bank of Valletta, għad-dannu ta' Maria Grazia Schembri, liema serq hu kkwalifkat bil-persuna;
2. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanżi b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi write ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex tqanqal tama' jew biża dwar

ġrajja kimerika, għamlet qliegħ ta' aktar minn mitt lira maltin (Lm100) iżda mhux iżjed minn elf lira maltin (Lm1,000) għad-dannu ta' Maria Grazia Schembri mis-Siġġiewi;
3. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanżi mingħajr awtorizzazzjoni wżat il-kodiċi ta' dħul, 'password', isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz ieħor ta' dħul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna oħra f'computer.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' marzu, 2008 fejn Maria Grazia Schembri nfurmat lill-Qorti li l-imputat raddet dak kollu li kienet ħaditilha.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' marzu, 2008 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat
l-artikoli 308, 309, 310 u 337Ċ(1)(i) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------